**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 14.09.08: FESTA TA' L-EŻALTAZZJONI TAS-SALIB IMQADDES.**

Fil-għaxija se jiġi organizzat High Tea mill-parroċċa.
Biljetti minn għand l-organizzaturi.

Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddiesa tkun għar-restawri tal-knisja.

**IT-TNEJN, 15.09.08:** TIFKIRA TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TAD-DULURI.

Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa.

Fis-**7.00a.m.** quddiesa bl-omelija dwar id-duluri ta' Marija
Fis-**7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar id-duluri ta' Marija

**IT-TLIETA, 16.09.08:** ANNIVERSARJU TAT-TWAQQIF TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX.

**IL-ĦADD, 21.09.08, Il-ĦAMSA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

## NAGĦTU S-SEHEM TAGĦNA FIL-MISSJONI

Meta saret il-laqgħa għal dawk li jixtiequ jieħdu sehem bħala missjunarji fil-Missjoni Djoċesana, konna qassamna card blu biex timtela' minn dawk li se jieħdu sehem. Għalhekk, nitlob lil dawn il-persuni u anke oħrajn li jixtiequ jagħtu xi ftit mill-ħin tagħhom għal din il-ħidma qaddisa, biex jimlew din il-card u jġibuha fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Dawk li m'għandhomx kopja ta' din il-card, jistgħu jitolbuna waħda mill-Uffiċċju.

Fil-ġranet li ġejjin se nagħtukom meta se jsir l-laqgħat apposta għalikom bi tħejjija għall-Missjoni.

## ĠIMGĦA TA' SPIRITWALITA'

**IT-TNEJN,15.09.08:** Il-Parroċċa taqsam it-tbatija tal-morda flimkien mad-Duluri Marija. Żjara lil-Morda fl-Isptar.

**IT-TLIETA,16.09.08:** Fl-okkażjoni ta' Jum it-twaqqif tad-Djoċesi, il-Komunita' Parrokkjali trodd ħajr u ġġedded l-lealta' tagħha lejn il-mexxejja tad-djoċesi.

**L-ERBGĦA, 17.09.08:** Fil-quddiesa ta' fil-għaxija niftakru fil-benefatturi tal-parroċċa u l-benefatturi tal-Museum.

**IL-ĦAMIS, 18.09.08:** Wara l-quddiesa ssir Adorazzjoni u wara jitqassmu relikwi ta' San Ġorġ Preca. Dan isir quddiem il-Museum. Ikun hemm post bil-qegħda.

**IL-ĠIMGĦA, 19.09.08: "**Is-Sena Pastorali fil-parroċċa fid-dawl tal-Missjoni Djoċesana.**"** Jitkellem Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali Djoċesan.

Nagħmel appell biex nieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet biex nitħejjew spiritwalment għas-Sena Pastorali li ġejja biex tkun sena ta' grazzja mill-Mulej.

**Il-KUNSILL LOKALI** javża li minn nhar it-Tnejn 15 sa l-Erbgħa 17 ta' Settembru 2008, jintlaqgħu applikazzjonijiet għas-servizz ta' trasport għat-tfal ta' l-iskola primarja għal din is-sena skolastika.

## IRTIR GĦALL-KOPPJI

Se jsir irtir għall-koppji miżżewġin f'Manresa House bejn it-3 u l-5 ta' Ottubru. Dan se jkun immexxi mill-koppja Carmen u Karm Conti u Fr. Vince Magri S.J. Dawk interessat jċemplu Manresa Tel: 21556635

**Rizoluzzjonijiet tal-Papa Gwanni XXIII**

- Nemmen b'fidi soda fil-providenza ta' Alla. Naf li Alla dejjem jieħu ħsiebi.
- Ma' nħallix il-biża jaħkimni. B'mod speċjali ma' nibżax ingawdi dak li hu verament sabieħ, u nemmen fit-tjubija.